**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 15 ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru 53/2017**

**Victor Leitermann**

**Vs**

**Transport Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Victor Leitermann** fil-5 ta' Ottubru 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi r-rikorrent huwa l-propjetarju tal-vettura **Alfa Romeo 147 bit-tarka ta' registrazzjoni KBN 908** (kopja tac-certifkat ta' registrazzjoni annessa u mmarkata DOK. A);*

2. *Illi l-istess rikorrent huwa ta' nazzjonalita' Germaniza u li huwa residenti f'Malta bhala student tal-medicina fl-Universita' ta' Malta;*

3. *Illi peress li r-rikorrent huwa barrani, ta' sikwiet ikollu jivvjagga lejn pajjizu u jhalli l-vettura tieghu fil-parkegg tal-ajruport ta' Malta, w li sussegwentement jerga jigborha meta jirritorna lura f'Malta;*

4. *Illi ghall-habta tal-ahhar ta' Lulju tas-sena 2017, ir-rikorrent siefer minn Malta u pparkja l-vettura tieghu legalment fil-parkegg tal-ajruport. Illi r-rikorrent irritorna lura f'Malta fid-29 ta' Settembru 2017 u sab illi l-vettura ma kienetx f'postha. Sussegwentement, u permezz ta' ittra tat-28 ta' Settembru 2017 (kopja annessa u mmarkata DOK. B), l-awtorita' Transport Malta nfurmat lir-rikorrent li l-vettura tieghu giet irmunkata mit-triq:*

*"Kindly be informed that your vehicle has been towed from the road for being in breach of the Motor Vehicle Registration & Licensing Act CAP 368 and The Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02..."*

5. *Illi madanakollu, jirrizulta li l-vettura giet irmunkata mill-parkegg fis-26 t'Awwissu 2017;*

6. *Illi apparti minn hekk, jirrizulta wkoll li r-rikorrent sofra diversi multi fuq il-vettura, u wara li giet mahzuna mill-awtorita' Transport Malta gew imposti penali ta' hmistax il-Ewro (€15.00) kuljum, u multi ohra relatati (ara DOK C u DOK D, kopja annessa);*

**7.** *Illi l-vettura giet irmunkata b'mod abusiv u llegali, b'dan illi ma kien ebda lok li l-awtorita' tirmonka il-vettura b'dan illi l-istess vettura ma kienetx fit-triq izda gewwa parkegg; u li* ***f'kaz ta' illegalita' l-awtorita' setghet facilment tikklampja minnflok tirrikorri sabiex tirmonka l-vettura;***

8. *Illi peress li r-rikorrent ma ghandhu l-ebda vettura ohra, huwa gie kostrett ihallas dak kollu mitlub minnhu, u cioe' l-ammont komplessiv ta' elfejn, tlett mijja u tlieta u tletin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2,333.21) direttament lil Transport Malta, liema hlas sar taht protest;*

9. *Illi r-rikorrent huwa aggravat mid-decizjoni tal-awtorita' Transport Malta,* ***liema decizjoni kienet illegali u/jew abusiva fil-konfront tar-rikorrent b'dan illi ma kellha l-ebda setgha li tirmonka il-vettura tieghu peress li ma kienetx fit-triq,*** *tenut kont ukoll tal-ammissjoni tal-awtorita' fejn fl-ittra taghha (DOK B) b'ammissjoni tiddikjara li rmonkat il-vettura mit-triq, meta fil-verita' din giet irmonkata minn post ta' parkegg!;*

**10.** *Illi ghandhu jingieb ukoll a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal illi* ***l-awtorita' damet ben fuq xahar sabiex tinforma lir-rikorrent dwar l-irmonkar ezegwit, u li minn dak rilevat mill-istess rikorrent jidher illi l-awtorita' ma ppublikatx dak rikjest mill-Ligi ossija l-artikolu 7 tal-legislazzjoni sussidjarja 65.13;***

***GHALDAQSTANT,*** *ir-rikorrent jitlob umilment u bir-rispett sabiex dan it-Tribunal joghgbu jiddikjara illi d-decizjoni tal-awtorita' Transport Malta sabiex tirmunka l-vettura KBN 908 kienet abusiva u/jew illegali billi l-irmunkar ma sarx mit-triq u sar minn post ta' parkegg, u li jekk kienet tezisti xi forma ta' illegalita', l-awtorita' setghet tikklampja l-vettura minnflok tirmunkaha, u sabiex dan it-Tribunal joghbgu jikkancella l-istess decizjoni u jordna li l-vettura tigi ritornata lura lir-rikorrent mill-aktar fis possibli u li kull hlas maghmul mir-rikorrent kif ordnat mill-awtorita' ghar-rilaxx tal-vettura jigi rifuz lir-rikorrent fl-ammont ta' €2,333.21."*

Ra r-risposta tal-**Transport Malta** ipprezentata fit-18 ta' Ottubru 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi, preliminarjament, ir-rikorrent m'ghandu assolutament ebda dritt t'azzjoni kontra l-Awtorita' appellata stante illi l-hlas maghmul tal-ammont globali dovut fis-somma ta' €2,333.21 – liema hlas, kuntrarju ghal dak li qed jigi issa mtenni fir-rikors promotur, ma sarx under protest – jikkostitwixxi* ***rinunzja*** *skond il-ligi ghal kwalsiajsi azzjoni gudizzjarja.*

2. *Illi, preliminarjament ukoll, in-nuqqas t'interess guridiku tar-rikorrent Victor Leitermann stante illi l-vettura de quo agitur hija proprjeta' ta' Wilkinson & Barker Ltd u ghalhekk huwa m'ghandu ebda dritt u/jew interess li jistitwixxi dawn il-proceduri f'ismu personali.*

3. *Illi, preliminarjament ukoll, l-inkompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal biex tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna u dan ghar-ragunijiet segwenti.*

   *L-artikolu 5(2) tal-Att dar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490) jipprovdi kif gej:*

   *"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi."*

   *Konsegwentement irid jigi determinat jekk dan l-Onorabbli Tribunal huwiex vestit bil-kompetenza mil-ligi specjali, f'dan il-kaz il-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-artikolu 40 tieghu jipprovdi kif gej:*

   *"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*

   *(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u*
   *(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità".*

   *Il-kaz odjern ma jaqa' taht ebda wahda mic-cirkostanzi previsti mill-paragrafu (a) u/jew (b) tal-artikolu 40(1) tal-Kap. 499 stante illi l-Awtorita' m'ghamlet xejn ghajr li ezercitat is-setghat lilha moghtija bil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 in vista tan-non-konformita tal-vettura in*

*kwistjoni mal-provvedimenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 u kwindi l-kaz odjern ma jaqax fil-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal.*

4. *Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-agir u l-azzjonijiet mehuda mill-Awtorita' rispondenti kienu korretti u skond il-ligi. Di fatti r-Regolament 4(2)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 jipprovdi illi l-Awtorita' tista' tnehi, tahzen jew tiddisponi minn kull vettura li ma jkollhiex licenzja ta' cirkolazzjoni valida mwahhla mal-windscreen. Fil-kaz odjern, il-vettur ain kwistjoni tal-ghamla 'Alfa Romeo' bin-numru ta' registrazzjoni 'KBN-908' ma kellhiex licenzja ta' cirkolazzjoni valida u kellha arretrati ta' sebgha mija u tnejn u sittin Ewro (€762) x'jithallsu u ghalhekk, bil-fatt li l-Awtorita' pprocediet biex tittowja dil-vettura hiaj agixxiet entro l-poteri u d-dmirijiet fiha invetiti skond il-ligi.*

5. *Illi ghar-rigward tal-multi li qed jilmenta fuqhom ir-rikorrent, kif jidher car mill-istess Dok. C minnu ezebit, dawn il-multi l-vettura kienet qalghathom qabel ma giet irmunkata mill-ufficjali tal-Awtorita' rispondenti u dan f'diversi lokalitajiet f'Malta u cioe' Ta' Xbiex, Bikirkara, Qormi u l-Isla fejn il-multi kollha gew impost mid-diversi Tribunali Lokali wara li r-rikorrent lanqas biss deher biex jikkontestahom !!*

6. *Illi ghar-rigward tal-penali li qed jilmenta fuqhom ir-rikorrent, dawn ma gewx arbitrarjament impost mill-Awtorita' rispondenti b'xi decizjoni taghha izda johorgu espressament mill-istess Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 u cioe' r-Regolament 9(b) u (c).*

7. *Illi dan kollu juri illi l-Awtorita rispondenti agixxieti korrettement u skond il-ligi, ma hadet ebda decizjoni li minnha jista' jappella r-rikorrent izda semplicement applikat id-dispozizzjonijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13 u f'dar-rigward issir riferenza wkoll ghall-proviso tar-Regolament 4(2) li jipprovdi kif gej:*

   *"Iżda fil-każ ta' vettura bil-mutur li tkun ġiet klampjata jew imneħħija mit-triq skont il-paragrafi (a) jew (b), dik il-vettura bil-mutur ma għandhiex tingħata lura lil sidha kemm-il darba u sakemm il-liċenza tat-triq ta' dik il-vettura bil-mutur flimkien ma' kull dritt amministrattiv dovut lill-Awtorità ma jkunux ġew imħallsa flimkien mad-dritt impost mill-Kummissarju, jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill kif stipulat fir-regolament (9)(a), (b) u (c)".*

8. *Illi, ghar-rigward tal-aggravju mqajjem fis-sens illi l-vettura in kwistjoni kienet parkeggjata fil-parkegg tal-ajruport ta' Mata u ghalhekk ma setax isir l-irmonk peress li l-vettura ma kinitx fit-triq, dan l-aggravju wkoll huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi:*

*(i)* *Ir-Regolament 4(2) tal-Legisliazzjoni Sussidjarja 65.13 ma jaghmel ebda limitazzjonijiet kwalsijasi ghar-rigward tal-lok minn fejn jistghu jigu rmunkati jew ikklampjati vetturi li ma jkunux konformi mal-ligi;*

*(ii)* *L-ajurport internazzjoni ta' Malta hija zona accessibbli ghall-pubbliku u fiha regolarment isiru azzjonijiet ta' infurzar mid-diversi forzi ta' infurzar illi ghandna f'pajjizna u ghalhekk l-azzjoni mehuda hija wahda legittima u li setghet issir.*

9. *Illi fir-rigward tal-aggravju mqajjem illi l-Awtorit'a ma ppubblikatx dak rikjest mil-ligi skond ir-Regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13, dan l-aggravju wkoll huwa kompletament infondat ghaliex fil-fatt l-Awtorita' ppubblikat l-avviz tar-rimozzjoni tal-vettura in kwistjoni fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tas-6 t'Ottubru, 2017 (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A') izda fil-frattemp ir-rikorrent kien lahaq arreka ruhu ghand l-Awtorita', hallas kull hlas dovut u ha l-vettura.*

10. *Illi ghal dawn il-motivi kollha t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi t-tielet eccezzjoni tirrigwarda l-**gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal** biex jisma' u jiddeciedi l-kwistjoni odjerna u ghalhekk it-Tribunal ordna li l-partijiet jitrattaw l-istess eccezzjoni;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza jew digriet kamerali dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 28 ta' Settembru 2017 li permezz taghha gie mgharraf illi l-vettura tieghu giet ittowjata mit-triq stante li kien hemm ksur tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02. Permezz tal-istess decizjoni gie infurmat ukoll illi kellu jmur jigbor il-vettura tieghu sat-12 ta' Ottubru 2017 u dan wara li jhallas il-penalitajiet relattivi. Gie wkoll imwissi li jekk ma jaghmilx dan il-vettura kienet se tinbiegh b'irkant pubbliku u jekk ma tigix mibjugha tigi meqruda.

Illi mir-rikors promutur jirrizulta illi r-rikorrent hallas is-somma ta' elfejn, tliet mija u tlieta u tletin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2333.21) biex jiehu l-vettura lura. Pero` r-rikorrent ikkontesta l-istess decizjoni quddiem dan it-Tribunal peress li sostna li l-Awtorita` intimata ma kellha l-ebda setgha tirmonka l-vettura in kwisjtoni peress li din ma kinitx fit-tirq imma kienet fil-parkegg tal-ajruport internazzjonali ta' Malta u li di piu` l-istess Awtorita` ma ppubblikatx dak rikjest mil-Ligi ai termini tar-Regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13.

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni l-Awtorita` intimata ssostni illi dan it-Tribunal huwa inkompetenti jisma' u jiddeciedi din il-kawza stante li dan il-kaz ma jaqa' taht ebda wahda mic-cirkostanzi previsti f'artikolu 40 (1) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta).

Illi c-citat artikolu 40 (1) jghid is-segwenti:-

*"1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*

*(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u*

*(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi* ***piena amministrattiva jew ta' xort'oħra*** *imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità..."*

Illi certament is-subinciz (a) zgur ma japplikax ghall-kaz odjern. Is-subinciz (b) imbaghad isemmi **"piena amministrattiva jew ta' xort'ohra".**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-ammont imhallas mir-rikorrent lill-Awtorita` intimata kien jirrelata ghas-segwenti u cioe`:-

| | |
|---|---|
| 1. *Annual circulation licence fee (November 2016-October 2017)* | *€762* |
| *2. Contraventions* | *€658.47* |
| *3. Late payment administrative fee* | *€80* |
| *4. CVA fees* | *€15.74* |
| *5. Towing administrative fee* | *€200* |
| *6. Compound administrative fee* | *€35* |
| *7. Compound rent fee (€15/day)* | *€555* |

Illi ghalhekk minn ezami tal-istess hlasijiet wiehed jista' jaqsam l-istess f'zewg kategoriji, u cioe`, hemm il-hlasijiet li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-irmonk tal-vettura (u cioe` l-ewwel erba' hlasijiet) u hemm l-ahhar tlieta li huma relatati direttament mal-irmonk tal-vettura. Ghalhekk irid jigi ezaminat jekk l-ahhar tlett hlasijiet jistghux jigu kklassifikati bhala "piena amministrattiva jew xort'ohra."

Illi l-istess hlasijiet gew imposti fuq ir-rikorrent ghaliex allegatament kien qed juza l-vettura *de quo* minghajr ma kellha licenzja tat-triq valida. Illi l-imsemmi nuqqas jaghti poter lill-Awtorita` intimata tittowja l-vettura lejn post specifikat minnha u

jibdew ghaddejjin fil-konfront tas-sid penali sakemm l-istess vettura tingabar lura. Illi l-hlasijiet imposti fuq ir-rikorrent wara li l-vettura giet ittowjata ma jistghux jigu kklassifikati ghajr "pieni amministrattivi" stante li qeghdin jintalbu mill-amministrazzjoni abbazi ta' ksur tal-ligi u cioe` f'dan il-kaz minhabba n-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tat-triq.

Illi fil-kaz *de quo* l-kontestazzjoni principali tar-rikorrent hija jekk l-Awtorita` intimata kinitx korretta fl-azzjoni taghha li tittowja l-vettura *de quo* jew inkella agixxietx b'mod abuziv. Il-piena amministrattiva hija materja konsegwenzjali. Madankollu t-Tribunal josserva illi r-rikorrent ma setghax jattakka biss il-piena minghajr ma jigi attakkat l-att amministrattiv. Illi kwindi, ghalkemm huwa veru li l-artikolu 40 (1) (b) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti dritt ta' appell minn min hu aggravat b'piena amministrattiva, b'mod naturali min ihossu aggravat bl-istess piena ihossu wkoll aggravat bl-att amministrattiv tal-istess Awtorita`. Il-piena hija direttament korrelatata mal-azzjoni amministrattiva u ghaldaqstant ma tistghax tifred wahda mill-ohra.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Salome Chetcuti vs Jonathan Satariano** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fit-12 ta' Frar 2010 fejn inghad:-

*"Hu dejjem tajjeb li jiġi mfakkar dak drabi oħra mtenni b'kawtela minn din il-Qorti, kif presjeduta, u, ċjoe, li kull kwistjoni għandha tinżamm fil-parametri tal-bon sens u tal-interpretazzjoni raġonevoli tal-liġi biex il-kawżi quddiem it-Tribunal speċjali ma jispiċċawx arenati b'mod li l-iskop tal-liġi li kkrejatu jiġi newtralizzat b'kull skuża eżaġerata tan-nuqqas ta' kompetenza tiegħu. Ara Paul Zarb et -vs- Emanuel Ellul et, 01.11.2006. Fi kliem ieħor, il-limitazzjoni għall-prinċipju m'għandux jiġġebbed sal-punt illi, mogħtija l-eċċezzjoni, għandha tiskatta awtomatikament l-inkompetenza ratione materiae tat-Tribunal iżda dan għandu b'dover jeżamina, anke prima facie, jekk teżistix bażi serja f'dik l-eċċezzjoni qabel ma jippronunzja ruħu, anke marte proprio, fuq l-inkompetenza tiegħu."*

Illi fil-kaz odjern it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ma qajjmitx l-eccezzjoni dwar l-inkompetenza bhala xi skuza imma ghaliex proprju, kif semma d-difensur tal-istess Awtorita`, hemm pendenti quddiem il-qrati ordinarji zewg kawzi li ghandhom mertu identiku. Madankollu jistghu jezistu istanzi fejn in-natura tal-azzjoni tkun tirrinkwadra kemm taht il-ligi ordinarja kif ukoll taht il-ligi specjali, b'dana, illi dan it-Tribunal huwa ferm iktar limitat fil-poteri tieghu mill-qrati ordnarji.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi t-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` intimata billi jichad l-istess eccezzjoni u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

___________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**